MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 108/2004

George Zammit (ID-42154G) u Jane mart

George Zammit (ID-49657G)

vs

Franco Galea (ID-1165G)

It-Tribunal,

Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Dicembru, 2004, fejn intqal:
Illi peress illi 1-atturi bieghu i kkonsenjaw lill-konvenut fridge <<second hand>> bil-prezz ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) u zewg burners tal-gass <<second hand>> ukoll bil-prezz ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130), b'kollox erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm480). Perress illi 1-atturi baqalhom jiehdu 1-ammont bilancjali ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) li skond l-iskrittura ta'

bejn il-partijiet kellhom jithallsu sat-13 ta' Novembru, 2003, hawn esebita u markata bhala Dokument A.

Peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont bilancjali ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450), baqa' ma hallas xejn.

Jghid l-istess konvenut ghaliex huwa m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma bilancjali ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450.00) u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 t'Ottubru, 2004, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenji u cioe' mill-5 ta' Novembru, 2003 sal-hlas effettiv. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-7 ta' Marzu, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenut.

Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' disghin lira Maltija (Lm90.OO) dovuti bhala bilanc minn ammont akbar ghal xorb, self u affarijiet ohra li 1-attur ha minghand il-konvenut.

Ra r-risposta ghall-konto-talba prezentata fl-14 ta' Marzu, 2005 fejn ntqal illi l-atturi qeghdin jikkontestaw din il-kontro-talba peress illi m’ghandhom jaghtu xejn lill-konvenut

Semgha x-xhieda ta' George Zammit, Franco Galea, Manuel Schembri, Deliala Shiebi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. L-attur qed jitlob hlas ghall bilanc ta' prezz fuq fridge u zewg burners mibjugha lill-konveflut. Il-konvenut da parti tieghu ghamel kontro-talba ghall-bilanc ta' hlas ghall-xorb u self li allegatament effettwa lill-attur.

2. Kienet saret skrittura iffirmata miz-zewg partijiet, Dok.GZI. F'din l-iskrittura hemm imnaqqas l-ammont ta' tletin lira ghal xorb dovut mill-attur lill-konvenut.

3. Il-konvenut jikkonferma li ffirma I-iskrittura.

4. Il-konvenuut pero' jispjega li l-attur kien talbu self ta' sebghin lira biex ihallas lavrant, u apparti minn dan jghid li kien hemm kontijiet ta' xorb pendenti. F'dan il-kuntest il-konvenut ma esebixxa 1-ebda ricevuta. Hu jaghti spjegazzjoni ghall din. Jghid li meta gurnata minnhom l-attur mar ghandu biex jaghmlu l-konteggi, il-konvenut kien ghadda l-karti lill-attur, li baqa' sejjer bihom, u ghalhekk ma jinstabx f'posizzjoni li jesebixxi dawn il-kontijiet.

5. Manwel Schembri li kien fil-bar dak in-nhar li saru t-trattattivi bejn il-partijiet, jikkonferma l-versjoni tal-konvenut, fis-sens illi wara li ddiskutew l-kontijiet, irrizulta li l-attur kellu jaghti lill-konvenut disghin lira (Lm90) fosthom is-sebghin lira gja riferiti. Dan ix-xhud jikkonferma li l-attur qal li ser johrog u jirritorna, pero' hareg bil-karti u ma marx lura. Pero` it-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li dan lx-xhud ma kienx jaf x'fihom il-karti imsemmija.

6. Deliala Shiebi tlkkonferma li l-attur kien ha f'perijodu ta' erbat ijiem kien tella kont ta' xorb ta' hamsin lira. Din tikkonferma li l-ammonti kienu jinkitbu fil-pitazz., u tikkonferma li bi skuza, l-attur kien ha l-pitazz mieghu u ma gabux lura. Hi tghid li l-ghada mar u qal lill-konvenut li hu (l-attur) ghandu jaghith (lill-konvenut) disghin lira, u li kien qatta l-karti.

7. Tenut kont ta' dak li ntqal jidher li kien hemm ammont li certament kien dovut mill-konvenut lill-attur. Pero` jirrizulta, ex admissis, illi l-iskrittura giet iffirmata wara li sehh dak li ntqal fuq. Ghalhekk it-Tribunal isibha ferm stramba li 1-konvenut, jekk kellu xi pretensjoni f'dak il-perijodu ma kkawtelax ruhu, billi minflok inaqqas biss tietin lira, inaqqas il-kontegg totali. Ghalhekk ma tirrizultax il-kontro-talba tal-konvenut. Pero` wiehed qed joqghod

fuq l-iskrittura, mill-liema jirrizulta l-ammont dovut kif mitlub.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut u jilqa it-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-sommma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450.OO) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sal-hlas effettiv. L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------